CENTINARJI OĦRA

"Erġajt koppi, Monsinjur?" Għandkom raġun! Imma xi triduni nagħmel, jekk dis-sena 1975 hija mimlija ċentinarji?

Ħmistax ilu kellimtkom dwar għeluq l-ewwel ċentinarju tat-tberik tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun. Illum se nitħaddet magħkom, fil-qosor, dwar ċentinarji oħra li jaqgħu din is-sena, u ftit aktar fit-tul, dwar wieħed minnhom.

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Mitt sena ilu tqegħdet l-ewwel ġebla għall-bini ta' belt ġdida f'Malta, li kellha tissejjaħ "Albert Town", li aħna nafuha aktar bl-isem ta' "il-Marsa". L-isem ta' Albert Town ingħatalha b'ġieħ Prince Albert, ir-raġel maħbub tar-Reġina Vittorja.

Barra minn dan Lady Van Straubenzee, il-mara tal-Gvernatur, fl-1875 qegħdet l-ewwel ġebla tal-Konservatorju Buġeja għall-edukazzjoni tal-bniet fqar. Il-bini sar fuq il-pjanta tal-Konti Verpagnani, arkitett tal-Papa Piju IX, mibdula xi ftit min-naħa ta' ġewwa mill-perit Ingliż Webster Paulson.

Mitejn sena ilu, fl-1775, xi Maltin, fosthom ftit ekkleżjastiċi, immexxijin minn Dun Gejtanu Mannarino, qamu u ppruvaw jeħilsu lill-pajjiżhom mill-ħakma iebsa tal-Kavallieri, speċjalment taħt it-treġija tal-Grammastru Fra Franġisku Ximenes. Il-qawmien, magħruf fl-Istorja bħala "L-Irvell tal-Qassisin", ma kisibx l-għan tiegħu: falla. Tlieta minn dawk li ħadu sehem ġew ikkundannati għall - mewt; Mannarino ġie mixħut il-ħabs. Wara ġie meħlus minn Napuljun fl-1798.

F'dik l-istess sena miet il-Grammastru li semmejna Ximenes u laħaq floku Fra Manoel de Rohan. Dan baqa' famuż għall-Kodiċi msejjaħ "Diritto Municipale di Malta", li huwa ġabar lill-Dr. Federico Gatto jikkompila u jippubblika fl-1784.

Ma nsemmux il-pesta u l-ġuħ li kien hawn Malta 300 sena ilu, li ħabblu sewwa ras il-Grammastru Nikola Cottoner u ġagħluh jibni il-Lazzarett; imma ngħaddu għall-ġrajjiet ta' 400 sena ilu, jiġifieri tal-1575.

FIS-SENA 1575

Nibdew biex ngħidu li dik is-sena intemm ix-xogħol tal-bini taż-żewġ Bereġ sbieħ ferm fi Triq Irjali, illum Triq ir-Repubblika. Dawn kienu l-Berġa ta' Provenza, fejn illum hemm il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, u l-Berġa ta' Alvernja, fejn illum hemm il-Qorti, mibnija mil-ġdid fi żmienna wara li waqgħet għal kollox fil-gwerra. Dawn iż-żewġ bereġ komplew sebbħu l-Belt il-Gdida, "il-Belt mibnija minn Gentlomi għal Gentlomi."

Fl-istess sena bdiet u ntemmet il-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietro Dusina, Delegat u Inkwiżitur Appostoliku għal Malta. Kienet Viżta l-aktar importanti fl-Istorja ta'-Knisja Maltija, għaliex tat ħajja ġdida reliġjuża. Matul dik il-Viżta Mons. Dusina waqqaf il-fratellanza tas-SS. Sagrament f'ħafna parroċċi. Nisthajjilkom ġa qrajtu dak li qal P. Philip Mallia O.P. dwar il-fratellanza ta' Portu Salvu u forsi ġie f'idejkom ukoll il-ktejjeb li ħarġu r-Rabtin dwar l-istess fratellanza fil-knisja tagħhom.

U issa wasalt biex insemmi l-parroċċa tiegħek, Sur Kappillan ta' H'Attard. Naħseb li għalhekk tajtni dak il-ktejjeb, imsejjaħ "H' Attard, 400 sena parroċċa (1575-1975)", miktub minn C. Mallia, biex żgur insib xi ngħid fuq ir-raba' ċentinarju ta' din il-Parroċċa.

F'55 paġna l-Awtur jagħti ġabra ta' tagħrif u tifkiriet dwar kappillani, kleru u nies oħra tar-Raħal; knejjes, armar u għaqdiet tal-Parroċċa.

Minn dak li jidher, l-Awtur iħobb l-istorja u ġabar, għalhekk, dak li sema mixxjuħ xhieda tal imgħoddi, dak li kien xhieda tiegħu huwa stess, u ma naqasx li jfittex ukoll fl-Arkivju tal-Parroċċa u f'kotba oħra. Ħaqqu prosit! Għaliex huma tifkiriet bħal dawn, miktubin kemm jista' jkun birreqqa u bla spirtu ta' partit, li jservu iżjed il-quddiem bħala għejjun għal kitba tal-Istorja ta' Pajjiżna u tad-Djoċesijiet tagħna.

HAL-LUQA — NIESHA U GRAJJIETHA

U hawnhekk qed niftakar fil-ktieb li ħareġ dan l-aħħar Dun Gużepp Micallef, imsejjaħ "Ħal-Luqa — Niesha u Ġrajjietha", ktieb ta' 374 paġna dwar l-istorja ta' dak ir-Raħal importanti f' Malta. Dun Dużepp tkellem dwar il-bidu tar-Raħal u l-ħajja tiegħu reliġjuża, politika u soċjali. Fil-parti reliġjuża jitħaddet dwar it-twaqqif talParroċċa ta' Ħal Luqa, il-festi, il-proċessjonijiet, il-Viżti Pastorali u l-inkwiżizzjoni. Fl-istorja politiko-soċjali, jikteb dwar l-amministrazzjoni, t-triqat, id-djar, in-nies, id-Dejma, l-funerali, it-testmenti, is-servizzi soċjali, minn qabel il-Kavallieri sa żmienna, fiż-żmenijiet tal-gwerra u f'dawk tal-paċi.

L-istorja ta' Dun Gużepp huwa ktieb miktub xjentifikament, ibbażat fuq dokumenti li huwa fittex u sab fl-Arkivji ewlenin ta' Malta u f'dawk ta' Ħal-Luqa u ta' rħula madwaru; fuq dak li kitbu ġurnali taż-żmien li jittratta, u fuq kotba serji li hu jikkwota. In-noti li nsibu m'żjudin ma kull Kapitu u juru s-serjeta' tax-xogħol, il-paċenzja u r-reqqa li biha Dun Gużepp Micallef kiteb dak il-ktieb. Prosit Dun Gużepp!

BENEFATTURI U OPRI

Minn Ħal-Luqa ħalli nerġgħu mmorru H'Attard. Wara li tana d-dati ta' xi ġrajjiet importanti f'din il-parroċċa minn qabel ma twaqqfet sal-lum, is-Sur Mallia għadda biex tana tagħrif dwar il-knisja parrokkjali u l-arkitett tagħha Tumas Dingli, huwa stess mir-raħal, u lista tal-25 Kappillan li mexxewha, minn l-ewwel Kappillan Dun Leonardu Micallef sa Dun Gużepp Dalmas, il-Kappillan li sar fl-1957 u għadu hemm sal-lum. Imbagħad jitħaddet ftit fit-tul fuq il-Kappillani tal-aħħar 100 sena, l-Viċi parroċi, l-membri tal-kleru parruċċjan u l-benefatturi u l-opri sbieħ u mportanti li saru fi żmienhom u bit-tħabrik tagħhom: is-suktar tal-bini u tiżjin ġewwa u barra l-Knisja parrokkjali, kopp!a, arloġġ, statwi, irħamijiet, kaxxarezzi, pitturi, damaski, tużell, pulptu, armar tal-festa eċċ., eċċ.

Dawn kollha huma opri sbieħ li jagħtu xhieda taddevozzjoni tan-nies ta' H' Attard lejn il-knisja t'Alla u lejn il-Madonna, Marija Assunta, Patruna tagħhom. Kemm hi ħaġa sabiħa tara nies x'aktarx mhux ta' ħafna flus jagħtu mill-ftit tagħhom għall-qima t'Alla u għal-ġieħ tal-Madonna u tal-Qaddisin.

L-GHAN EWLIENI

Iżda poplu twajjeb u devot m'għandux jieqaf fit-tiżjin tal-knisja u tat-triqat fil-festa. Dawn m'għandhomx ikunu l-għan waħdieni u l-anqas ewlieni tagħhom. Il-moħħ u l-qalb għandhom jintrefgħu aktar 'il fuq. U għalhekk, ħadna gost naqraw fl-istess ktejjeb dwar l-isforzi li għamlu l-Kappillani, l-Kleru u l-Parruċċani biex jerfgħu 'l fuq il-ħajja reliġjuża u spiritwali fil-Parroċċa, meta waqqfu u ħaddmu l-fratellanzi, fosthom waħda mill-aktar qodma f'Malta — l-Għaqda tal-Beata Verġni Marija, — li twaqqfet fl-1499; l-Għaqdiet l-oħra tal-Agunija, tal-Mużew, tal-Kongregazzjonijiet Marjani, ta'-Azzjoni Kattolika, tal-"Legion of Mary" u taċ-Ċentru Parrokkjali.

Bis saħħa tat tixrid ta' għaqdiet reliġjużi u kattoliċi u bit-tkattir ta' istituzzjonijiet għall-ġid soċjali l-parroċċa jikber il-prestiġju veru tagħha u l-parroċċani jħossu li qegħdin jersqu dejjem aktar lejn l-għan tagħhom bħala membri tal-Poplu t'Alla.